**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru, 2015**

**Rikors nru: 552/2004 MLF**

**Embassy Freight Services (Northern) Ltd u b'nota tal-10 ta' Mejju, 2005 is-socjeta' Carmelo Caruana Company Limited assumiet l-atti bhala mandatarja specjali tas-socjeta attrici**

**Vs**

**Sullivan Maritime Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata sabiex thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba t'elef mitejn u sebgha u hamsin Lira Maltin u erbatax il-centezmu (Lm4,257.14) (ekwivalenti ghal sitt elef tmien mija u hdax-il lira Sterlina Ingliza u tnejn u erbghin centezmu bir-rata ta' kambju tal-lum ta' 1.60 lira sterlina ghal kull

Lira Maltija), rapprezentanti bilanc dovut lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici u li baqa' ma thallasx dan kif jirrizulta mill-istatement anness.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-mandat ta' qbid u sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sal-gurnata tal-hlas, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Sullivan Maritime Limited fejn eccepiet:

1. Illi l-azzjoni attrici hija nulla stante illi s-socjeta' attrici ma hijiex socjeta' registrata Malta u ma hemmx prokuratur ad litem residenti f'Malta li jirrapprezenta l-interessi tas-socjeta' attrici u ghalhekk in difett ta' legittimazzjoni tal-atti, l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi in subsidju u minghajr pregudizzju ghal premess, illi s-socjeta' konvenuta qatt ma kkontestat li l-ammont indikat per se, izda ma effettwatx il-hlas sempliciment minhabba li s-socjeta' attrici ma resqitx ghal likwidazzjoni u hlas tal-ammont talvolta dovut lill-esponenti u ghalhekk biss ikkontestat il-hlas relattiv.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.
4. Illi l-eccipjenti qieghda tipprevalixxi ruhha mit-talbiet attrici sabiex tipprezenta t-talba rikonvenzjonali taghha.

Rat it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta' Sullivan Maritime Limited fejn tablet lil din il-Qorti, fejn qalet hekk:

Peress li l-esponenti Sullivan Maritime Limited kellha klijentela vasta in konnessjoni mas-servizzi ta' trasportar ta' merkanzija bejn Malta u l-Ingilterra u vice-versa;

Peress illi b'rizultat ta' dan is-socjeta attrici bdiet tuza s-servizzi ta' *groupage operators* offruti mis-socjeta attrici u bhala, rizultat, l-esponenti inghatat l-agenzija w ir-rapprezentanza lokali tas-socjeta Embassy Freight Service (Northern) Limited.

Peress illi fl-4 ta' Marzu 2004, minghajr ebda pre-avviz jew raguni valida fil-ligi, is-socjeta attrici unilateralment itterminat l-agenzija jew rapprezentanza taghha mas-socjeta konvenuta esponenti, b'effett immedjat u bdiet tghaddi x-xoghol lokali kollu lil terzi ghal vantagg tas-socjeta attrici;

Peress illi b'rizultat ta' din id-decizjoni unilaterali u bla ebda raguni legali da parte tas-socjeta attrici, is-socjeta esponenti spiccat tilfet prattikament il-klijentela kollha in konnessjoni max-xoghol relatat mal-Ingilterra, liema klijentela s-socjeta esponenti kienet ilha trawwem ghal diversi snin;

Peress illi s-socjeta attrici ma tatx pre-avviz lill-esponenti, tat-terminazzjoni tal-agenzija u r-rapprezentanza relattiva skond kif kontemplat fil-Kodici Kummercjali u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-esponenti.

Peress illi s-socjeta l-anqas ma nghatat il-kummissjonijiet fuq l-operazjonijiet li kienu mixjin waqt ix-xhur li kellu jinghata kif ikkontemplat fil-Kodici Kummercjali.

Peress illi ghalhekk is-socjeta esponenti ghandha dritt li tithallas minghad is-socjeta attrici l-kummissjonijiet skond kif premess mad-danni relattivi u l-indenniz kif previst mill-Kodici Kummercjali;

Ghal dawn ir-ragunijiet, is-socjeta konvenuta talbet lil din il-Qorti

1. Tiddikjara li s-socjeta' attrici tterminat ir-relazzjoni taghha mas-socjeta' konvenuta esponenti minghajr ebda fondament guridiku u minghajr ma tat il-pre-avviz necessarju ai termini tal-Kodici Kummercjali, u li ghalhekk is-socjeta' attrici

hija ghalhekk debitrici tas-socjeta' konvenuta ghall-ammont ta' kummissjonijiet appikabbli ghall-perijodu ta' pre-avviz li kellu jinghata;

2. Tiddikjara illi l-agir tas-socjeta' konvenuta kkawza danni lis-socjeta' konvenuta u ghalhekk tiddikjara lis-socjeta' attrici responsabbli ghall-hlas ta' danni u indenniz lis-socjeta' konvenuta minhabba l-agir tal-istess socjeta' attrici;
3. Tillikwida l-kummissjonijiet, d-danni u l-indenniz dovut mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta esponenti; u
4. Tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lis-socjeta' konvenuta esponenti s-somma hekk likwidata ghall-kummissjonijiet, danni u indenniz, okkorendo bl-opera ta' perit nominandi – kollox kif fuq premess.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti.

Bl-imghax legali mid-data tat-terminazzjoni tal-agenzija u r-rapprezentanza sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' Carmelo Caruana Company Limited bhala mandatarja specjali tas-socjeta' Embassy Freight Services (Northern) ghall-kontro-talba ta' Sullivan Maritime Limited fejn eccepiet:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

Illi fl-ewwel lok mhuwiex minnu illi s-socjeta' konvenuta inghatat l-agenzija u r-rapprezentanza lokali tas-socjeta' eccipjenti u ghaldaqstant l-Artikoli 70 sa 78 tal-Kap 13 ta' Ligijiet ta' Malta li a bazi taghhom saret il-kontro-talba ma japplikawx ghall kaz odjern.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, a tenur tal-Artikolu 70(2)(c) tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 70 sa 78 tal-Kodici Kummercjali li a bazi taghhom qed issir din il-kontro-talba ma japplikawx ghar-relazzjoni kummercjali li kienet tezisti bejn il-partijiet ;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-inkarigu li nghatat is-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici ma jinkwadrax l-anqas fid-definizzjoni ta’ ‘agent kummercjali’ moghtija fl-Artikolu 70(a) tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghaldaqstant il-pretensjonijiet ta’ hlas ta’ danni u indenniz pretiz a tenur tal-Artikoli tal-Kodici Kummercjali ta’ Malta li jirregolaw l-Agenti Kummercjali, u cioe’ l-Artikoli 70 sa 78, ma japplikawx ghal kaz odjern;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess artikoli tal-Kodici Kummercjali ma japplikawx ghar-relazzjoni kummercjali ezistenti bejn il-partijiet ukoll stante illi s-socjeta’ konvenuta ma ghandhiex l-licenzja kontemplata fl-Artikolu 71(1) tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda wkoll, stante illi s-socjeta’ konvenuta fl-inkarigu li nghatat mis-socjeta’ eccipjenti ma agixxietx skond is-sengha u l-arti, anzi agixxiet b’mod negligenti u b’mala fede, bir-rizultat illi l-operat tas-socjeta’ attrici giet ippregudikata serjament u li ma kienx ghall-ghaqal taghha u l-azzjonijiet f’waqthom li hadet, kienet ssofri danni ngenti ukoll;

Illi ghal kwalunkwe danni li allegatament soffriet is-socjeta’ konvenuta hija responsabbli l-istess socjeta’ konvenuta, stante illi kif fuq inghad din kienet negligenti, traskurata u inadempjenti fl-obbligazzjoni taghha li thares l-interessi tal-eccipjenti naxxenti mir-relazzjoni kummercjali li kellha maghha ;

Illi kwalunkwe kummissjoni li setghet kienet dovuta lis-socjeta' konvenuta skond il-ligi thallset mis-socjeta' eccipjenti, u llum ma hemm ebda kummissjonijiet li huma dovuti.

Illi s-socjeta' eccipjenti kienet avzat lis-socjeta' konvenuta illi r-relazzjoni kummercjali li kien hemm bejn il-partijiet kienet ser tintemm xhur qabel ma effetivament din ir-relazzjoni intemmet, u kif ser jirrizulta mill-provi, din ir-realzzjoni intemmet bi qbil u minhabba ragunijiet u nuqqasijiet attriwibbli biss lis-socjeta' konvenuta.

Illi s-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma kkontribwiet sabiex jizdiedu l-klijenti tas-socjeta' eccipjenti f'Malta jew biex jizdied il-volum ta' negozju tas-socjeta' eccipjenti ma' klijenti taghha gia ezistenti, u ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ma hija intitolata ghall-ebda kumpens jew indeniz kif qed jinghad fil-kontro-talba.

Illi s-socjeta' pprezentat din il-kontro talba minghajr qatt qabel ma ghamlet talba verbalment jew bil-kitba ghall-hlas li qed jintalab, u f'dan ir-rigward ghalhekk it-talba tas-socjeta' hija wahda intempestiva u hija ntenzjonata biss sabiex ttawwal iz-zmien biex thallas l-ammont mitlub fit-talba attrici.

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta trid ggib il-prova tad-danni allegatament sofferti u tal-kummissjonijiet u kumpens allegatament dovuti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2005,[1] is-socjeta konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti :

1. Is-socjeta' attrici Embassy Freight Services (Northern) Limited ghandha l-ufficini taghha Yorkshire, l-Ingilterra. Hija tipprovdi servizzi ta' *freight forwarding* kif ukoll servizzi ta' esportazzjoni u importazzjoni madwar id-dinja.[2]
2. Is-socjeta' konvenuta toffri servizzi ta' garr ta' merkanzija bejn Malta u l-Ingilterra inkluzz servizz ta' *groupage* u cioe garr ta' merkanzija ta' importaturi jew esportaturi diversi fl-istess container jew b'mod konsolidat.
3. Is-socjeta' konvenuta ma' ghandiex licenzja ta' agent kummercjali ghax mhux mehtieg ghal shipping agencies.[3]
4. Il-ftehim kien li s-socjeta attrici kienet tikkollezzjona l-merkanzija minn suppliers mill-Ingilterra, tghabbihom f'containers, u taghmel l-arrangamenti biex tesportahom lejn

[1] Ara verbal a fol. 24 tal-process.

[2] Ara x-xhieda ta' Paul Bannon a fol. 27 tal-process.

[3] Ara x-xhieda ta' Johanna Calleja a fol. 83 tal-process.

Malta, kemm bl-art kif ukoll bil-bahar. Min-naha l-ohra s-socjeta konvenuta kienet taghmel l-istess biex tesporta l-merkanzija lejn l-Ingilterra.

6. Is-socjetajiet kontendenti kienu ftehmu, li wara li jitnaqqsu l-ispejjez, huma jaqsmu bin-nofs, i.e. 50% kull socjeta, il-profitt illi jibqa' minn kull vjagg organizzat mill-partijiet bejn Malta u l-Ingilterra jew vice versa.[4]
7. Peress li s-socjeta konvenuta kienet tesporta hafna inqas merkanzija ghall-Ingilterra, milli s-socjeta attrici timporta tibghat lejn Malta, prattikament kienet dejjem is-socjeta konvenuta li kellha thallas lis-socjeta attrici.[5]
8. Din ir-relazzjoni bejn il-kontendenti damet bejn circa Jannar 2003 sa Marzu 2004,[6] ghalkemm qabel is-socjeta konvenuta kienet tahdem ma' Embassy Freight gewwa Londra, li hi socjeta indipendenti mis-socjeta attrici.
9. Is-socjeta konvenuta kellha impjegat maghha lil certu Pierre Camilleri li kien jiehu hsieb il-*groupage* tal-merkanzija tal-klijenti tas-socjeta konvenuta, bejn l-Ingilterra lejn Malta, kif ukoll vice versa.
10. Fi Frar 2004, dan l-impjegat Camilleri telaq l-impjieg tieghu mas-socjeta konvenuta u beda jahdem mas-socjeta Carmelo Caruana Company Limited li hija socjeta kompetitrici tas-socjeta konvenuta. Xi ftit mill-klijenti tas-socjeta konvenuta baqghu juzghu s-servizzi tas-socjeta konvenuti, pero kien hemm xi ohrajn li bdew juzaw is-servizzi tas-socjeta li maghha beda jahdem Camilleri, peress li kellhom relazzjoni tajba maghhom.
11. Meta s-socjeta attrici saret taf li Camilleri ma kienx ghadu jahdem mas-socjeta konvenuta, izda mas-socjeta Carmelo Caruana Company Limited, u li kien hemm hafna klijenti li biex jibqa' jaqdihom hu, bdew juzaw is-servizzi tas-socjeta Carmelo Caruana Company Limited, hija ddecidiet li jieqfu jahdmu mas-socjeta konvenuta u jibdew jahdmu mas-socjeta Carmelo Caruana Company Limited ukoll.[7]

---

[4] Ara x-xhieda ta' Paul Bannon a fol. 28 tal-process.

[5] Ara xhieda ta' Pierre Camilleri a fol. 35 tal-process.

[6] Ara xhieda ta' Paul Bannon a fol. 28 u xhieda ta' Pierre Camilleri a fol. 34 tal-process.

[7] Ara l-email mibghuta minn Paul Bannon lil Ernest Sullivan fl-1 ta' Marzu 2004 mmarkata bhala Dk PS 7 a fol. 59 tal-process.

12. Is-socjeta' konvenuta ma kienetx qeghda taghmel profitti mill-arrangament li kien hemm[8] izda fis-sena 2004 is-sitwazzjoni finanzjarja bdiet tmur ghall-ahjar.[9] *until last week shipped with Sullivan."*

13. Is-socjeta' konvenuta qatt ma rceviet avviz ta' terminazzjoni tal-allegata agenzija minghand is-socjeta' attrici.[10]

14. Is-socjeta' konvenuta mhix tikkontesta li hi ghandha thallas l-ammont ta' LM 4,257.14 (ekwivalenti ghal £6,811.42)[11], li s-socjeta attrici qed tippretendi.[12]

15. Pero is-socjeta' konvenuta qed tallega li parti minn dan il-kreditu huwa pacut ma ammont iehor li s-socjeta konvenuta ikkalkulat illi huwa dovut lilha, u cioe l-ammont ta' LM2613.00 bhala kumpens u dan talli ma inghatatx il-pre-avviz ta' xaharejn qabel it-terminazzjoni tal-agenzija, skond l-Artikolu 78B tal-Kodici tal-Kummerc.[13]

16. Mix-xhieda ta' John Muscat, *financial controller* tas-socjeta konvenuta, dan l-ammont ta' LM2613 inhadem abbazi tar-rizultati tal-ewwel tlett xhur tas-sena 2004 fuq medda ta' sena shiha, cioe l-2004, u sussegwentement inhareg l-*average* ta' xaharejn. Dan l-ezercizzju sar wara li giet ippezentata l-kontro-talba.[14]

---

[8] Ara l-affidavit ta' Ernest Sullivan a fol. 66 tal-process.

[9] Ara l-affidavit ta' Philip Sammut a fol. 47 tal-process.

[10] Ara l-affidavit ta' Ernest Sullivan a fol. 67 tal-process.

[11] Ara l-kont mahrug minn Embassy Freight Services (Northers) Ltd lil Sullivan Maritime Ltd a fol. 2-3 tal-process.

[12] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Philip Sammut a fol. 85 tal-process.

[13] Ara l-affidavit ta' Philip Sammut a fol. 48 tal-process.

[14] Ara xhieda ta' John Muscat a fol. 94 *et seq.* tal-process.

17. Is-socjeta' konvenuta qatt ma talbet lis-socjeta' attrici biex tersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni, kummissjonijet u kumpens qabel ma saret din il-kawza.[15]

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Kif diga inghad, il-kreditu pretiz mis-socjeta attrici minghand is-socjeta konvenuta, mhux kontestat u dan jirrizulta kemm min-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta kif ukoll mill-provi prodotti.[16]

Ghalhekk l-unika kwistjoni li trid tigi deciza hi jekk dan l-ammont hux in parte pacit mal-ammont li s-socjeta qed tippretendi bhala danni, kummissjonijiet u kumpens mis-socjeta' attrici u dan talli ma tathiex pre-avviz li kienet se tittermina l-agenzija li s-socjeta konvenuta tallega li kien hemm bejn il-kontendenti.

Il-Qorti tosserva pero, li s-socjeta konvenuta lanqas hallset l-ammont li ma hux qieghed jigi kontestat minnha u cioe d-differenza bejn l-ammont ta' LM 4,257.14, pretiz mis-socjeta attrici u l-ammont ta' LM2613.00, pretiz mis-socjeta konvenuta.[17]

[15] Dan intqal minn John Muscat, il-financial controller tas-socjeta' konvenuta stess, *"...l-ammont pretiz mis-socjeta' konvenuta qatt ma gie mitlub minn din l-attrici."*[15]

[16] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Philip Sammut a fol. 85 tal-process.

[17] Ara zhieda in kontro-ezami ta' Philip Sammut a fol. 85 tal-process.

*L-Ammissibilita tal-Eccezzjoni tat-Tpacija u l-Kontro-Talba*

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjeta attrici ssolleva l-kwistjoni li s-socjeta konvenuta ma setghetx legalment tissolleva l-eccezzjoni tat-tpacija, ghax l-ammont minnha pretiz ma kienx cert, likwidu u dovut, izda huwa biss *extrapolation* tar-rizultat tal-ewwel tliet xhur tas-sena 2004 fuq medda ta' sena shiha u cioe 2004, u dan il-kalkolu sar wara li gietipprezentata din il-kawza.

Fis-sentenza **Dr Kevin Dingli et nomine vs. Surgiquip Ltd.** deciza fis-16 ta' Jannar 2003, li kienet ukoll tikkoncentra sitwazzjoni fejn l-ammont li tieghu kienet qed tintalab it-tpacija fil-kontro-talba ma kienx ghadu cert, likwidu u dovut, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk :

*« Dan premess din il-Qorti hija tal-fehma li l-konkluzjoni ta' l-ewwel qorti dwar l-possibilita` ta' tpacija bejn il-kreditu tal-atturi nomine u dak allegat mis-socjeta` konvenuta u pretiz fil-kontro-talba huwa skorrett. Huwa minnu, kif qalet l-ewwel qorti, li t-tpacija ssehh 'ipso jure' u anke minghajr ma jafu d-debituri, "hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed"; infatti kif jghid is-subinciz (2) ta' l-Artikolu 1196 tal-Kap. 16 meta jigri hekk dawn "jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs." Issa fi proceduri ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma, dik is-somma tigi dovuta hekk kif tinghata s-sentenza. Ghalhekk jekk f'dawk il-proceduri tigi proposta kontro-talba, li wara kollox ghandha l-aspetti kollha ta' citazzjoni indipendenti, u bhala rizultat jkun jidher li l-konvenut huwa wkoll kreditur ta' l-attur, anke b'rispett lejn il-principju li ma ghandux jkun hemm multiplicita` ta' proceduri zejda bejn l-istess kontendenti, l-krediti reciproci ghandhom jigu pacuti. Il-principju enuncjat mill-ewwel qorti japplika biss meta ma ssirx kontro-talba u l-konvenut jippretendi li jpaci l-kreditu cert, likwidu u dovut tal-attur ma' ammont indeterminat.*

*Dan kollu huwa rifless f'dak li jinghad fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hija kontemplata l-procedura specjali ta' rikonvenzjoni. Infatti l-Art. 396 tal-Kap. 12 jipprovdi hekk:*
*"Fil-kawzi, l-konvenut jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta' l-attur kif sejjer jinghad hawn taht:*
*(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba ta' l-attur; jew*
*(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li <u>jpaci l-kreditu mitlub mill-attur</u>, jew li*

*b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha."* (sottolinear ta' dik il-Qorti)

Fil-kaz odjern il-likwidazzjoni u hlas tad-danni pretizi mis-socjeta konvenuta, li huma l-mertu tal-kontro-talba, ghandhom il-ghan li jpacu l-kreditu mitlub mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni tat-tpacija u l-kontro-talba tas-socjeta konvenuta huma ammissibbli.

*Il-Meritu tal-Kontro-Talba*

Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li hemm zewg socjetajiet li isimhom jibda bil-kliem *"Embassy Freight"*, is-socjeta' attrici, Embassy Freight Services (Northern) Ltd. u s-socjeta' probbilment Embassy Freight Services (UK) Ltd – l-isem ma johrogx car mill-atti - li tinsab Londra. Paul Bannon, il-*managing director*, tas-socjeta attrici xehed li s-socjeta' attrici dahlet fi ftehim mas-socjeta' konvenuta wara li s-socjeta' konvenuta kienet hadmet ma' *"...Embassy London for about twelve (12) months."*[18] Pero ma sar l-ebda ftehim bil-miktub.

Il-kelma « agency » giet darbtejn fid-dokumenti ezebiti quddiem din il-Qorti. F'email tat-8 ta' Jannar 2002 Paul Bannon ghas-socjeta' attrici kiteb hekk lil Pierre Camilleri ghas-socjeta' konvenuta: *« We are very pleased that we have you now as our agents in Malta and we look forward to a long and profitable co-operation together. »*[19] F'Sales Bulletin mibghut minn Trevor Steele ghas-socjeta attrici jghid hekk: *"We thank all the clients of our agents – Sullivan Maritime – for expressing their views and requirements for the perfect service and we have fully used the information to completely reorganise and consolidate our joint Maltese service."*[20] Id-darbtejn li giet uzata, giet uzata minn rapprezentanti tas-socjeta attrici, li hija socjeta Ingliza u ghalhekk is-sinifikat tal-kelma *"agent"* fil-*common law* mhux necessarjament jaqbel mas-sinifikat tal-kelma "agent" fil-kuntest tal-ligi tal-kummec Maltija.

[18] Ara x-xhieda ta' Paul Bannon a fol. 77 tal-process.
[19] Ara l-email ddatata 8 ta' Jannar 2002 mmarkata bhala Dok PS 3 a fol. 55 tal-process.
[20] Ara s-sales bulletin mmarkat bhala Dok PS 4 a fol. 56 tal-process.

Infatti s-socjeta' konvenuta li hija socjeta' Maltija tirreferi ghas-socjeta' attrici bhala *'partner'* u mhux *'principal'*. F'email li baghat Ernest Sullivan, direttur tas-socjeta konvenuta, fil-5 ta' Dicembru 2001, lil rapprezentant ta' Embassy Freight Services London Ltd, hu qal hekk "*...what we are looking for is a serious, reliable and aggressive* <u>*partner*</u> *capable of offering our existing and potential clients a quality and cost-effective service. ... ... we are willing to take this matter further and discuss/exchange viws with the objective of establishing an* <u>*official cooperation agreement*</u> *with your organisation"*[21] (sottolinear ta' din il-Qorti). Dan juri li s-socjeta konvenuta ma kinietx qieghda tfittex li issir agent tas-socjeta attrici, imma li s-socjeta attrici tkun *partner* taghha fin-negozju taghha.

In oltre, meta fl-1 ta' Marzu 2004, Paul Bannon, ghas-socjeta attrici kiteb lil Ernest Sullivan, ghas-socjeta konvenuta, fejn bazikament tah ultimatum biex isib lil xi hadd kompetenti jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel l-impjegat Pierre Camilleri, Ernest Sullivan, b'email mhux datata wiegbu hekk: *"Further to your email, we reiterate that it is our intention to continue offering a good quality groupage service with Embassy* <u>*as our partners*</u> *in the UK. ... ... I don't think it is appropriate to refer to* <u>*our joint clients*</u> *as "Pierre's" clients."* (sottolinear ta' din il-Qorti).[22] Din l-email tad-direttur tas-socjeta konvenuta turi bic-car li ghall-inqas sal-bidu ta' Marzu 2004, is-socjeta konvenuta ma kinietx tqis lilha nfisha bhala agent tas-socjeta attrici, imma li hi kienet *partner* tas-socjeta attrici.

Fil-proceduri odjerni is-socjeta konvenuta qieghda ssejjes l-pretensjoni taghha ghal rizarciment minghand is-socjeta attrici fuq id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc dwar *"agent tal-kummerc"*.

L-Artikolu 70A tal-Kodici tal-Kummerc jghid hekk:
*« "aġent tal-kummerċ" tfisser persuna li ma jkunx impjegat mal-prinċipal, li jkollu awtorità kontinwa li jinnegozja l-bejgħ jew ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi għan-nom ta' xi persuna*

[21] Ara l-email mibghuta minn Ernest Ellul Sullivan lil Stephen Winters ddatata 5 ta' Dicembru 2001 mmarkata bhala Dok PS 2 a fol. 51 tal-process.

[22] Ara email ta' Ernest Sullivan a fol. 62-63 tal-process.

*oħra (il-prinċipal), jew li jinnegozja u jikkonkludi l-bejgħ jew ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi bħal dawk għal u f'isem dak il-prinċipal, … …*

*"kummissjoni" tfisser xi taqsima mir-rimunerazzjoni ta' agent tal-kummerc li tkun tvarja skont l-ghadd jew il-valur ta' operazzjonijiet kummercjali; »*

Fid-dawl tal-provi akkwiziti huwa car li r-relazjoni bejn il-kontendenti ma kinitx wahda ta' agenzija tal-kummerc. Is-socjeta konvenuta ma kinitx tati s-servizzi taghha ghan-nom tas-socjeta attrici, imma kellha sempliciment ftehim mas-socjeta attrici, li jekk klijenti tas-socjeta attrici jkunu jridu jimpurtaw jew jesportaw merkanzija barra jew lejn Malta, is-socjeta attrici tuza s-servizzi tas-socjeta konvenuta. U bil-maqlub, jekk klijenti tas-socjeta konvenuta jkunu jridu jimpurtaw jew jesportaw merkanzija barra jew lejn l-Ingilterra, is-socjeta attrici tuza s-servizzi tas-socjeta konvenuta. Dan l-ftehim kummercjali certament ma jaghmilx lis-socjeta konvenuta "agent kummercjali" tas-socjeta attrici fit-termini tal-Artikolu 70A tal-Kodici tal-Kummerc.

Inoltre, il-hlas miftiehem kien wiehed ta' *"profit-sharing"* fi kwoti indaqs bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti, u ghalhekk ma jaqax fid-definizzjoni ta' *"kummissjoni"* kif definit mill-Kodici tal-Kummerc, li jesigi li din tvarja *"skont l-ghadd jew il-valur ta' operazzjonijiet kummercjali »*

Fil-fatt, Joanna Calleja, senior executive tal-Kamra tal-Kummerc qalet is-segwenti: "*Jiena fost ix-xoghol tieghi nvoluta wkoll fil-hrug ta' licenzji lill-agentii kummercjali hawn Malta. Fil-fatt nista' nghid illi is-socjeta' konvenuta ma ghandhiex bzonn li jkollha licenzja ghax il-licenzji kummercjali li qed naghmel referenza ghalihom ma humiex mehtiega ghal shipping agencies."* [23] Hija ziedet tghid, "*Nerga' nghid illi t-titolu kollu commercial agents ta' l-istess kodici ma japplikax ghal shipping agency."*[24]

Mill-konsiderazzjonijiet suesposti, huwa car li l-ewwel talba rikonvenzjonali u cioe li din il-Qorti tiddikjara li s-socjeta attrici tterminat ir-relazzjoni taghha mas-socjeta konvenuta

[23] Ara x-xhieda ta' Joanna Calleja a fol. 83 tal-process.
[24] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Joanna Calleja a fol. 84 tal-process.

minghajr fundament guridiku u minghajr il-pre-avviz necessarju ai termini tal-Kodici Kummercjali ma tistax tigi milqugha ghax is-socjeta konvenuta ma taqax fit-termini ta' "agent tal-kummerc" preskritt mill-Kodici Kummercjali.

Rigward it-tieni talba rikonvenzjonali, fejn is-socjeta konvenuta talbet lil din il-Qorti tiddikjara li l-agir tas-socjeta konvenuta kkawza danni lis-socjeta konvenuta, ma ngabet ebda prova materjali ta' dawn id-danni. L-unika prova li ngabet tad-"danni" kienet mahduma abbazi tar-rizultati tal-ewwel tlett xhur tas-sena 2004 fuq medda ta' sena shiha, cioe l-2004, u sussegwentement inhareg l-*average* ta' xaharejn. Din l-estrapolazzjoni tar-rizultati finanzjarja certament mhix fl-ahjar prova u fi kwalunkwe kaz, il-fatt li d-«danni » gew kalkolati fuq xaharejn ifisser kjarament li s-socjeta konvenuta qed tibbaza t-talba taghha fuq l-Artikolu 78B(2) tal-Kodici tal-Kummerc li jittratta l-agenzija kummercjali, liema artikolu ghar-ragunijiet fuq esposti mhux applikabbli ghal kaz odjern.

Ghaldaqstant, it-talbiet kontenuti fil-kontro-talba qieghdin jigu michuda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. tilqa' l-ewwel hames (5) eccezzjonijiet tas-socjeta attrici ghat-talba rikonvenzjonali,

2. tichad it-talbiet kollha fil-kontro-talba tas-socjeta konvenuta;

3.tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta;

4.tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba t'elef mitejn u sebgha u hamsin Lira Maltin u erbatax il-centezmu (Lm4,257.14) (ekwivalenti ghal sitt elef tmien mija u hdax-il lira Sterlina Ingliza u tnejn u erbghin centezmu bir-rata ta' kambju tad-data li fiha gie prezentat l-avviz ta' 1.60 lira sterlina ghal kull Lira Maltija), bl-

ispejjes inkluz dawk tal-mandat ta' qbid u sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz promotur u bl-interessi, mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sal-gurnata tal-hlas, kontra s-socjeta konvenuta.

**(ft) Maġistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Registratur**